# Banda Attiva



**Philip Schembri**
*Għalliem*

Iż-żmien ma jistenna lil ħadd! Kif jgħaddi ż-żmien! Sena tgħaddi bħal ħolma u erġajna qed ngħixu dan iż-żmien sabiħ.

Bħal kull sena, irrid insemmi u nfaħħar l-impenn kbir li l-bandisti u l-kor tagħna flimkien mas-Surmast u l-kumplament tat-tmexxija jagħtu matul is-sena kollha. Dawn, sena wara l-oħra qed jirnexxilhom itellgħu numru sabiħ ta' kunċerti mużikali ta' livell aċċettabbli li mingħajr ebda dubju qed jgħinu ħafna lill-Għaqda tagħna biex tilħaq l-aspirazzjonijiet tagħha, kemm mużikali kif ukoll soċjali. Għandna napprezzaw dak kollu li jsir, filwaqt li nuru wkoll l-apprezzament tagħna lejn dan it-talent kbir li l-Mulej għoġbu jżejjinhom bih. L-appell tiegħi hu biex tagħtu aktar kuraġġ u sodisfazzjon lil dawn il-mużiċisti billi tattendu aktar bi ħġarkom għall-kunċerti li jittellgħu minn żmien għal żmien speċjalment issa f'dan iż-żmien tal-festa. Fuq kollox, ma rridux ninsew li l-iskop tat-twaqqif tal-banda tagħna kien li tkabbar il-festa ad unur ta' Ommna Marija Bambina filwaqt li tgħolli isem raħalna l-Mellieħa. Għalhekk, żgur li aktar ma' tipparteċipaw aktar tkunu qed timxu skont ix-xewqa tal-antenati tagħna li ħallew lilna dan il-wirt hekk kbir!

Mela ejjew ningħaqdu għalenija biex flimkien niċċelebraw festa li tassew tixraq lill-Bambina! Il-festa tagħna hija mqassma bl-aħjar mod fejn l-attivitajiet esterni huma kollha kumplimentari għall-festi li jsiru fil-Knisja u għalhekk għandha titgawda minn kull aspett.

Fl-aħħar nett, inrodd ħajr 'l Alla u 'l Ommna Marija li waqt ħidmietna dejjem ikunu magħna u jħarsuna.

Il-festa t-tajba.

*Ħeġġu lil uliedkom jitgħallmu l-Mużika mal-Banda Imperial*